**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2017

**Avviz Numru: 71/17 AM**

**Numru fuq il-Lista: 18**

**Anthony Aquilina (K.I.269468M) ezercitenti l-kummerc bl-isem**
**'A A Garage',**
**A A Garage Plot 99,**
**Industrial Estate**
**Luqa**

**Vs**

**Pietro Sada (K.I.119999(A) u Carlo Sada (K.I.119997A)**
**Belmonte Heights, Block M,**
**Apt 4, Depiro Street,**
**Sliema**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-31 ta' Jannar, 2017 li permezz tieghu l-attur talab minghand l-konvenuti is-somma ta' tlett elef u sebghin ewro u sitta u tletin centezmu (€3,070.36c) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' elfejn mija u hamsa u tmenin ewro u tmien centezmi (€2,185.08c) hlas ghax-xiri ta' parts u tiswijiet maghmula lill-intimat fuq l-vettura tal-ghamla Range Rover Vogue bin-numru ta' registrazzjoni BG PA 0492BT, kwantu ghas-somma ta' erbgha u tmenin ewro u sebgha u

sebghin centezmu (€84.77c) spejjez tal-ittra ufficjali numru 590/16 u in kwantu ghas-somma ta' mitejn u tnejn u ghoxrin ewro u wiehed u tletin centezmu (€222.31c) spejjez tal-mandat ta' qbid numru 777/16 u nkwantu ghas-somma ta' hames mija tmienja u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€578.20c) rapprezentanti hlasijiet maghmula lil R Cauchi Enterprises bhala kunsinjatarju.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti gew dbitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkonestawx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deheru għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lill-Avukat Difensur tal-attur tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-attur tirrizulta gusitikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef u sebghin ewro u sitta u tletin centezmu (€3,070.36c) oltre l-imghax legali mid-data tal-fattura kwantu ghall-ammont ta' elfejn, mija u hamsa u tmenin ewro u tmien centezmu (€2,185.08c) u rigward il-bilanc, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru kwantu ghall-ispejjez tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' qbid numru 777/16, mid-data ta' meta gew intavolati l-ittra ufficjali u l-mandat ta' qbid numru 777/16 u in kwantu ghall-ispejjez tal-konsenjatarju, l-imghax jibda jiddekorri mid-data tal-fattura sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' qbid numru 777/16 a karigu tal-konvenuti.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikant**